# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 403/2022/2**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Christopher Gatt**

Illum it-tmienja (8) ta' Lulju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Christopher Gatt**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 177572(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer u/jew barra minn dawn il-Gżejjer, fis-27 ta' Lulju 2022 u/jew fix-xhur u/jew fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmula minnu, ukoll jekk magħmula fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispiżizzjoni relatati tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor, liema ħaġa ġiet f'data jew ikkunsinjata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, għad-detriment ta' Mark Anthony Zarb Cousin u/jew persuni oħra;

2. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ bi ħsara ta' Mark Anthony Zarb Cousin u/jew persuni oħra, liema ammont tal-ħsara huwa aktar minn ħamest elef Euro (€5,000);

3. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, bi ħsara ta' Mark Anthony Zarb Cousin u/jew persuni oħra, għamel xi qliegħ ieħor b'qerq mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel l-Artikolu 309 tas-Sub-Titolu III tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ammont tal-ħsara huwa aktar minn ħamest elef Euro (€5,000);

4. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, kellu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu xi oġġett għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi;

5. fl–istess żmien, lok u ċirkostanzi, sabiex kiseb vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz;

6. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel Artikolu 189 tat-Titolu V tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel atti ta′ *money laundering* billi:

    i. ikkonverta jew trasferixxa proprjeta′ meta kien jaf jew issuspetta li dik il-proprjeta′ kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta′ attivita′ kriminali jew minn att ta′ parteċipazzjoni f′attivita′ kriminali, għall-iskop ta′ jew skopijiet ta′ ħabi jew wiri ħaġa b′oħra tal-oriġini tal-proprjeta′ jew ta′ għoti ta′ għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f′attivita′ kriminali;

    ii. ħeba jew wera ħaġa b′oħra tal-vera xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta′ jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta′, meta kien jaf jew issuspetta li dik il-proprjeta′ kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita′ kriminali jew minn att jew atti ta′ parteċipazzjoni f′attivita′ kriminali;

    iii. akkwista, ippussesa jew uża proprjeta′ meta kien jaf jew issuspetta li l-istess proprjeta′ kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita′ kriminali jew minn att jew atti ta′ parteċipazzjoni f′attivita′ kriminali;

    iv. irritjena mingħajr skuża raġonevoli proprjeta′ meta kien jaf u/jew issuspetta li l-istess proprjeta′ kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita′ kriminali jew minn att jew atti ta′ parteċipazzjoni f′attivita′ kriminali; u

    v. ittenta jagħmel il-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

8. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi f′dawn il-Gżejjer irrenda ruħu reċidiv b′sentenza mogħtija minn qorti barranija, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-parti leża Mark Anthony Zarb Cousin, jew il-familjari tiegħu jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-parti leża u l-familjari tiegħu minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat skont Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u, f'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-parti leża u l-familjari tagħha *ai termini* ta' Artikoli 382A, 383, 384 u 385 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tordna Ordni ta' Qbid u Iffriżar u tissekwestra u/jew iżżomm f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew jappartjenu jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta' tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka, jibdel jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli li tkun proprjeta' ta' jew inkella miżmuma minnu, *ai termini* ta' Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 36 tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, barra milli tinfliġġi l-piena xierqa skond il-liġi, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tar-rikavat li ġie mir-reat jew ta' dik il-proprjeta' li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat kif ukoll il-konfiska ta' kull proprjeta' li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll tal-imputat, ukoll jekk fil-każ ta' proprjeta' immobbli dik il-proprjeta' tkun, minn żmien meta l-ħati jkun ġie akkużat, għaddiet f'idejn terzi kif ukoll jekk ir-rikavat ta' proprjeta', kemm mobbli kemm immobbli, ikun jinsab f'xi post barra minn Malta, *ai termini* ta' Artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena xierqa skont il-liġi, tordna lill-imputat jirrestitwixxi lill-parti leża kull ħaġa jew rikavat illi huwa dawwar

bi profitt għalih jew għal persuna/i oħra, jew li jħallas lil dik il-parti dak l-ammont ta' flus li jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra, inkluż dannu morali u psikoloġiku, kaġunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat u kull ordni bħal dak jista' jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni u, fin-nuqqas, li jsir ħlas kif imsemmi qabel.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena xierqa skont il-liġi, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri *ai termini* ta' Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' April 2025, fejn il-Qorti:

- filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva fit-tmien (8) imputazzjoni taħt Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- ma sabitx ħtija għar-reat taħt Artikoli 188(2), 293 u 310BA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif addebitat fl-ewwel (1), fir-raba' (4) u fil-ħames (5) imputazzjoni; u

- wara li rat Artikoli 17(b), 18, 23B, 23C, 189, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 2(1), 2(2), 3(1), 3(2A)(a)(ii) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni u kkundannatu tletin (30) xahar priġunerija;

- *ai termini* ta' Artikoli 23B(1) u 23Ċ(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[1], il-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' erbgħa u sittin elf, mitejn u wieħed u

[1] "Li jagħmlu riferenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(3A)(b) u (7) tal-Kap. 101."

erbgħin Euro (€64,241) rappreżentanti r-rikavat tar-reat ta' frodi, jew ta' dik il-proprjeta' li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-imsemmi valur tar-rikavat, ukoll jekk il-proprjeta', minn meta l-ħati ġie mixli, tkun għaddiet għand terzi persuni u anke jekk l-imsemmija flejjes jew proprjeta' jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta;

- b'applikazzjoni ta' Artikolu 23B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat illi jekk ir-rikavat li kien ġej mir-reati, kif stabbilit, ikun ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, l-imputat kellu jeħel multa ta' erbgħa u sittin elf, mitejn u wieħed u erbgħin Euro (€64,241), liema multa setgħet tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

- *ai termini* ta' Artikolu 23D(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi biex jagħmel stħarriġ sabiex jinstabu u jiġi aċċertat fejn kienu jinsabu xi flejjes jew proprjeta' oħra, dovuti jew jappartjenu jew taħt il-kontroll tal-imputat;

- b'applikazzjoni ta' Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat iħallas lil Mark Zarb Cousin is-somma ta' ħamsin elf Euro (€50,000) rappreżentanti l-kumpens għat-telf ikkaġunat lill-istess parti leża permezz tal-kommissjoni tar-reat ta' frodi[2] b'dan illi dan l-ordni kellu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

- billi ma ġewx maħturin esperti jew periti fil-proċeduri, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba għall-ħlas taħt Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[2] "Il-parti offiża xehed li huwa rċieva b'kollox is-somma ta' €14,000 mingħand l-imputat."

- għall-finijiet ta' Artikolu 23D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza minnha mogħtija tintbagħat lid-Direttur tal-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-esponenti kien illiberat minn numru ta' akkużi u tirriformaha billi tħassarha u tirrevoka u tilliberah mis-seba' [7] akkuża u fin-nuqqas tapplika piena anqas ħarxa."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fid-9 ta' Ġunju 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-30 ta' April 2025.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob lil din il-Qorti tilliberah mis-seba' (7) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u alternattivament jitlob piena anqas ħarxa.

Illi l-fatti tal-każ jirrigwardaw primarjament żewġ tranżazzjonijiet bejn l-appellant u l-*parte civile* Mark Anthony Zarb Cousin. L-appellant kien webbel lill-*parte civile* jinvesti f'negozju li kien qiegħed iwettaq is-Serbja. Huwa kien talab lill-*parte civile* sabiex jinvesti somma ta' mitt elf Sterlina (£100,000) u huwa kien ser iħallas din is-somma lura f'pagamenti mensili ta' ħamest elef Sterlina (£5,000). Il-*parte civile* ssellef il-flus minn terz sabiex ikun jista' jagħmel dan l-investiment. Minkejja li dan il-ħlas sar minn naħa tal-*parte civile*, l-appellant għamel pagament ta' sitt elef Euro

(€6,000) fi Frar 2018 u sitt elef Euro (€6,000) oħra f'Ġunju 2019. L-appellant ġie lura lejn Malta waqt li l-*parte civile* kien qed jiġri warajh sabiex jirkupra l-flus. F'dan il-mument l-appellant ikkonvinċa lill-*parte civile* jħallas is-somma ulterjuri ta' ħamsa u erbgħin elf Euro (€45,000) sabiex jinxtraw xi appartamenti. Allegatament dawn l-appartamenti qatt ma nxtraw u l-appellant uża l-flus tal-*parte civile* sabiex iħallas kredituri oħra.

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar iż-żewġ aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu jkun opportun li din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> l-appellant jilmenta li f'dan il-każ ma jeżistux l-estremi sabiex tinstab ħtija tal-imputazzjoni li tirrigwarda l-ħasil ta' flus ossia tas-seba' (7) imputazzjoni. Jispjega

li f'dan il-każ kien hemm żewġ eżerċizzji li rriżultaw f'telf ta' flus lill-*parte civile*. L-ewwel kwistjoni kienet tirrigwarda twaqqif ta' negozju fis-Serbja waqt li t-tieni kwistjoni tirrigwarda l-konvenji u l-akkwist ta' proprjeta' li qatt ma mmaterjalizza u li għalih il-*parte civile* kien ħallas xi flus. L-appellant jispjega li hu u l-*parte civile* kienu ilhom jafu lil xulxin u li fil-passat kienu ħadmu flimkien. Jgħid li hija gidba li l-*parte civile* ma kienx edott li hu (l-appellant) kien qiegħed iħejji sabiex jibda jimmanifattura l-għamara fis-Serbja. Jargumenta li l-*parte civile* kien interessa ruħu jinvesti fis-Serbja sabiex iħaddem flusu iżda l-proġett ma rnexxiex u hu (il-*parte civile*) ma rkuprax flusu. Rigward id-depożitu mħallas għax-xiri tal-proprjeta', l-appellant jgħid li huwa ħa dawn il-flus għalih minħabba li l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu kienet iġġarrfet. Jisħaq li huwa qatt ma kellu l-intenzjoni jaħsel il-flus u jgħid li l-Ewwel Qorti sabitu ħati tas-seba' (7) imputazzjoni minħabba li kif daħlu l-flus mingħand il-*parte civile* huwa dawwar il-flus fuq kont bankarju tiegħu. Jgħid li l-imputazzjoni ta' ħasil ta' flus ma tiġix ippruvata għaliex ikollok flus li jidħlu fuq kont bankarju u joħorġu għal raġunijiet multipli. Jgħid li wieħed irid jara għalfejn tħallsu u fejn marru. Ikompli billi jgħid li sabiex ikun hemm l-att ta' *layering* mhux biżżejjed li l-flus jidħlu ġo kont u joħorġu minnu. Jgħid li sabiex ikun hemm ir-reat ta' ħasil ta' flus dik il-persuna trid tiċċirkola dak li kisbet permezz ta' attivita' kriminali biex tagħmel l-istess tidher li tali attivita' hija leġittima. Jargumenta li l-flus tal-*parte civile* marru sabiex iħallsu l-ispejjeż tal-fabbrika fis-Serbja u għalhekk jgħid li ma jissusistux l-elementi tar-reat ta' ħasil ta' flus.

Illi l-appellant jispjega li fir-reat ta' ħasil ta' flus ma għandhomx għalfejn jiġu pruvati l-*predicate offences* b'dana li l-Prosekuzzjoni tkun tista' toħroġ l-imputazzjoni ta' ħasil ta' flus waħidha mingħajr ma torbotha ma' reati oħra. Jgħid li f'dan il-każ ġara bil-maqlub fejn il-*predicate offences* ġew ippruvati pero' l-imputazzjoni ta' ħasil ta' flus ma ġietx ippruvata u dana għaliex din l-intenzjoni ma kinitx f'moħħu (f'moħħ l-appellant) u anke għaliex l-element ta' ħasil ta' flus ma rriżultax kif suppost. Jargumenta wkoll li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova li meta hu għamel il-*predicate offences*, huwa kellu marbut magħhom l-intenzjoni li jwettaq l-ħasil tal-flus. Jgħid li l-intenzjoni tiegħu (tal-appellant) kienet li jsodd

toqba ta' kredituri bil-flus tal-*parte civile.* Jilmenta li l-Qrati tagħna jikkunsidraw li meta jiġu ppruvati l-*predicate offences* jiġu ppruvati awtomatikament ir-reat ta' ħasil ta' flus u jgħid li dan mhux korrett.

Illi fir-Risposta tiegħu, l-Avukat Ġenerali jwieġeb billi jirrimarka li ma jaqbilx ma' dak li jgħid l-appellant. Jgħid li d-deskrizzjoni mogħtija mill-appellant tar-reat ta' ħasil ta' flus ma tinkwadrax ma' dak li jistabillixxi Artikolu 3 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li *layering* mhux neċessarju. Jispjega li jkun hemm reat ta' ħasil ta' flus meta persuna tippussesa, takkwista jew tuża proprjeta' meta jaf jew jissusspetta li l-proprjeta' nkisbet jew oriġinat minn attivita' kriminali. Jispjega kif element wieħed elenkat taħt Artikolu 3 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta ma jeskludix elementi oħra. Jirreferi għal parti mis-sentenza appellata fejn ġie spjegat li huwa ċar kif l-appellant għamel użu minn flus miksuba minn attivita' kriminali. Jispjega kif l-appellant instab ħati ta' numru ta' reati u li għalhekk għamel qliegħ b'qerq u li għalhekk irid jikkonvinċi li l-moviment ta' flus saru b'responsabilita'.

Illi l-argument prinċipali mressaq mill-appellant fl-aggravju in eżami jirrigwarda l-fatt li, skont l-analiżi tal-appellant, l-aġir tiegħu ma jikkonfigurax ma' dak li jistabbilixxi Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta taħt it-tifsira ta' ħasil ta' flus.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet l-Ewwel Qorti meta waslet għal konklużjoni li l-appellant wettaq ir-reat ta' ħasil ta' flus meta fis-sentenza appellata qalet hekk (Vol. IV: *a fol.* 1339):

> "Illi kif diġa' ġiet stabbilit, l-imputat għamel qligħ b'qerq għad-detriment tal-parti offiża meta ppreswadih biex jgħaddilu s-somma komplessiva ta' €45,000 biex jiġu investiti f'negozju li jirriżulta li kien fittizzju. Huwa ppruvat illi l-imputat irċieva xjentement proprjeta' ossia flus, li orġina minn attivita' kriminali kommess minnu stess, iżda mhux hekk biss. Huwa ppruvat ukoll illi fir-rigward ta' din l-istess proprjeta', l-imputat għamel atti li

jinkwadraw fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2(1)(i) sa (vi) tal-Att kontra *Money Laundering*. Dan għaliex, wara li rċieva mingħand il-parti offiża fil-kont bankarju tiegħu ma' BNF Bank p.l.c. s-somma komplessiva ta' €45,000 b'riżultat tar-reat ta' frodi taħt l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, uża l-flus billi minnufih in segwitu għad-depożiti li saru mill-parti offiża, għamel diversi *withdrawals* fuq xulxin mill-kont, ħareġ numru ta' *cheques* fuq l-istess kont u ttrasferixxa flus lil terzi, skont kif jirriżulta mill-istatement tal-istess kont bankarju (Dok. DA), kif ukoll ittrasferixxa l-flus lil terzi persuni. Dan kollu meta, kif diġà ġie stabbilit, kien jaf pożittivament li l-flus kien akkwistahom direttament mill-kommissjoni ta' reat kriminali ossia r-reat ta' frodi mwettaq minnu stess għad-dannu tal-parti offiża, u kien jaf għalhekk li dan il-flus jikkostitwixxi r-rikavat minn attivita' kriminali.[3] M'hemmx dubju li l-flus li l-imputat ħareġ mill-kont bankarju in diżamina in segwitu għal kull wieħed mid-depożiti ta' €15,000 kull wieħed li saru mill-kont tal-parti offiża, u ddispona minnhom jew ikkonvertihom, kienu l-istess fondi li kien irċieva fil-kont mingħand il-parti offiża – għaliex qabel sar l-ewwel depożitu ta' €15,000 fil-15 ta' Frar 2019, l-imputat ma kellu ebda fondi kwalsiasi fil-kont bankarju tiegħu, tant illi l-bilanċ fil-kont bankarju tal-imputat kien fin-negattiv.[4]"

Illi jirriżulta li l-Ewwel Qorti sejset id-deċiżjoni tagħha fuq Artikolu 2(1)(iii) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta li jfisser *"money laundering"* bħala:

"l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjeta' meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjeta' tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament

[3] "Art. 2(i) (iii) Kap. 373."
[4] "Bilanċ ta' -€7.16 fil-11 ta' Frar 2019: ara paġna 694 tal-atti tal-kompilazzjoni, Dok. DA."

> minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali".

Illi primarjament l-Ewwel Qorti sabet li kien twettaq ir-reat ta' ħasil ta' flus fir-rigward tat-transazzjoni marbuta mal-ħsieb li jinxtara appartament fejn il-*parte civile* ġie mwebbel iħallas is-somma ta' ħamsa u erbgħin elf Euro (€45,000) bl-intendere li jirkupra l-kapital li kien investa fl-intrapriża fis-Serbja.

Illi minn qari tat-tifsira hawn fuq ċitata, fil-kuntest tal-każ odjern, dak li kellha tipprova l-Prosekuzzjoni huma s-segwenti elementi:

- l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjeta';
- meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjeta' tkun inkisbet minn attivita' kriminali.

Illi mir-rendikont tal-bank tal-appellant ippreżentat minn Daniel Azzopardi waqt ix-xiehda mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti (Vol III: *a fol.* 690A e*t seq*.) jirriżultaw tliet pagamenti ta' ħmistax il-elf Euro kull pagament (€15,000) magħmula mill-*parte civile*. Il-bilanċ tal-appellant qabel l-ewwel depożitu kien ta' seba' Euro u sittax il-ċenteżmu minn taħt (-€7.16). Għalhekk ma jistax jingħad li l-appellant ma kienx qiegħed jagħmel użu mill-flus mogħtija lilu mill-*parte civile* sabiex jinxtraw appartamenti.

Illi rigward dan il-ħlas, waqt id-depożizzjoni mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti, il-*parte civile* xehed hekk (Vol. II: *a fol.* 519):

> "Another forty-five (45) grant euros and I was going to get back ninety (90) plus the forty-five (45) okay. So that would have cleared Paul Miller...... So, Chris sent me messages from his Notary, he sent me drawings, message from his Notary which I later found out were from his girlfriend from his dual phone, they weren't from a Notary at all. I assumed he bought the property. He then after three (3) months he said "I'll sold them all

> now", he sent me cheques, pictures of cheques, screenshots of cheques to show that he got the money."

Illi dan ma ġie kontradett minn ħadd. L-Ewwel Qorti qieset li l-użu mwettaq mill-appellant ta' dawn il-flus kien jammonta għal truffa. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti jirriżultaw kemm l-użu tal-flus imħallsa mill-*parte civile* i.e. il-proprjeta' u kif ukoll l-oriġini minn attivita' kriminali tal-proprjeta'. Minħabba li t-truffa ġiet perpetrata mill-istess appellant ma jistax jingħad li ma kienx jaf li l-proprjeta' ġiet miksuba minn attivita' kriminali!

Illi għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-elementi tar-reat kriminali ta' ħasil ta' flus irriżultaw bis-sħiħ f'dan il-każ u għalhekk għandu raġun l-Avukat Ġenerali meta jgħid li d-definizzjoni mogħtija mill-appellant ma tinkwadrax ma' dak li jistabbilixxi Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi lanqas għandu raġun l-appellant meta jgħid li ma kienx hemm intenzjoni li jwettaq ħasil ta' flus iżda l-intenzjoni kienet biss li jħallas lill-kredituri. Ibda billi jingħad li ma tressqet l-ebda prova li l-appellant uża l-pagament ta' ħamsa u erbgħin elf Euro (€45,000) sabiex jitħallsu kredituri. Apparti minn dan, mir-rendikont tal-kont bankarju tal-appellant (Vol. III: *a fol.* 694-695), din il-Qorti tinnota xiri minn *supermarket*, xiri għal aktar minn darba ta' affarijiet marini u ħlas marbut mat-telefon ċellulari. Din il-Qorti tistaqsi: xi kredituri kienu dawn?! Għalhekk tirriżulta ampjament l-intenzjoni tal-appellant li jagħmel użu minn propjreta' li nkisbet minn attivita' kriminali a benefiċċju tiegħu!

Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2025 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Ayub Ali Khan Mohammed** (Numru 8/2024), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "The Prosecution is assisted, to a certain extent, in demonstrating the necessary criminal origin of the questioned laundered proceeds through direct evidence when available, or through circumstantial or other types

of evidence. The Prosecution is not required to obtain an actual conviction for the underlying offence. The Law does not mandate that they precisely prove the specific nature of the crime involved.

Moreover, the accused does not need to be aware of the exact nature of the crime from which the proceeds are derived. It is sufficient that he knows or suspects that these proceeds may have an illicit origin.

In applying this to the current case, it means that the Prosecution does not need to prove the appellant's guilt specifically, but rather the nature of his operations, or that something appeared suspicious to him at a certain point in time. The Prosecution needs to prove beyond reasonable doubt that the property constitutes the proceeds of criminal activity and that the appellant engaged in conduct prohibited under Article 3 of Chapter 373 of the Laws of Malta. The Prosecution also needs to prove that when the appellant committed the prohibited act or acts, he acted with the required *mens rea* that is, he had the knowledge, or at least the suspicion, that the property originated either directly or indirectly, from criminal conduct."

Illi mill-fatti tal-każ jirriżulta b'mod ampjament ċar li l-appellant kien jaf li kien qiegħed jonfoq flus li kien kiseb permezz ta' truffa mwettqa b'danni tal-ħabib tiegħu li huwa l-*parte civile*. Għalhekk dan mhux każ fejn l-appellant ma kellux l-intenzjoni li jwettaq tali reat. Lanqas huwa l-każ fejn l-appellant kien qed iħallas biss il-kredituri. In fatti, l-appellant uża l-flus għal raġunijiet varji u lanqas hemm prova waħda li l-ħamsa u erbgħin elf Euro (€45,000) fil-fatt spiċċaw, anke in parte, bħala ħlas għal kredituri. Sa fejn tista' tara din il-Qorti l-appellant kien qed jiġbed il-flus u kien ben konxju tal-fatt li dawn il-flus inkisbu b'mod illegali. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward

tas-seba' (7) imputazzjoni bil-konsegwenza li l-aggravju in eżami ser jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. Huwa jikkontendi li tali piena hija waħda ħarxa żżejjed. Jagħmel riferenza għal fatt li s-sentenza appellata tikkonċerna rifużjoni tal-flus lill-*parte civile.* Jgħid li b'hekk il-*parte ċivile* ma kellux għalfejn jiftaħ proċeduri ċivili. Ikompli li l-fedina penali tiegħu mhijiex nadifa iżda lanqas refrattarja u għalhekk huwa evidenti li l-Qrati jistgħu jagħtu opportunita' lilu u ma jikkundannawhx għal priġunerija effettiva. Jjilmenta li l-*parte civile* m'huwiex persuna metaforikament b'subajgħ dritt u li ħadd ma saqsa minn fejn ġab il-flus li jallega li tilef. Jgħid li dan huwa importanti għal kalibrazzjoni tal-piena stante li dan kien negozju bejn nies li jafu jaqdfu għal rashom. Jispiċċa billi jirreferi għal fatt li huwa ġab provi li għandu tifel b'kundizzjonijiet mediċi u li dan ma jgħaddix mingħajr il-missier. Jisħaq li l-firda ser tkun ferm iebsa.

Illi għal dan l-aggravju, fir-Risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali jargumenta li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena sa fejn din tkun fil-parametri tal-liġi. Jgħid ukoll li l-ammont mitluf mill-*parte civile* kien ferm akbar minn dak akkordat mill-Ewwel Qorti stante li l-ammont hekk akkordat kien dak l-ammont li seta' jiġi stabbilit mingħajr l-ebda dubju dettat mir-raġuni.

Illi dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-1 ta' Novembru 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Catania** (Numru 274/2007), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi dan l-appell huwa limitat għall-piena. Din il-Qorti kellha ħafna okkażjonijiet fejn ippronunzjat ruħha li l-prinċipju regolatur hu li mhux normali li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun

> tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999], "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u oħrajn). F'dan il-każ il-piena deċiżament hija *entro* l-parametri tal-liġi."

Illi dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat, din il-Qorti tinnota li tali piena taqa' fil-parametri tal-liġi u dana meta jittieħed in konsiderazzjoni dak li l-appellant allura imputat ġie akkużat bih quddiem l-Ewwel Qorti u n-natura serja tal-imputazzjonijiet li huwa ġie misjub ħati tagħhom, inkluż is-seba' (7) imputazzjoni li din il-Qorti kkonfermat is-sejbien ta' ħtija tagħha fl-appellant allura imputat.

Illi tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat hija waħda korretta. Għandu jingħad li ma tressqet l-ebda raġuni valida li b'xi mod jew ieħor tista' twassal lil din il-Qorti sabiex tvarja l-piena msemmija. Filwaqt li din il-Qorti tista' b'xi mod jew ieħor tissimpatizza mal-appellant dwar il-kundizzjonijiet mediċi li għandu iben l-appellant, pero' fl-istess waqt din il-Qorti ma tistax tinjora dak li ngħad kemm fis-sentenza appellata u kif ukoll f'din is-sentenza fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija fl-appellant allura imputat. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, anke l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Christopher Gatt u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu imsemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |